MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 45

22 ta' Novembru 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 45 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 44 tal-1 ta' Novembru 2010 mingħajr emendi. Dawn għalhekk ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Żvilupp fi Triq Snajjin k/m Triq Adenau (P/5/8/4)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjoni PA 3157/10 li tinvolvi l-bini ta' żewġ sulari oħra flimkien ma' *penthouse*, fi Triq Snajjin kantuniera ma' Triq Adenau, ġiet rifjutata, peress li mhix konformi mal-Pjan Lokali billi ma tipprovdix għall-irtirar tal-bini 'il ġewwa min-naħa ta' Triq Adenau.

2.1.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Ħaddiema fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u rrefera għal ittra datata 16 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ (ETC), liema ittra kienet tinkludi lista ta' 67 persuna li huma eligibbli li jiġu ntervistati mill-Kunsill skond ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar ir-Riżorsi Umani. Is-Sur C. Debono qal ukoll li l-istess persuni ġew mitluba mill-ETC ħalli jibgħatu l-*curriculum vitae* tagħhom sas-26 ta' Novembru 2010, sabiex ikunu jisgħu jiġu ntervistati.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitwaqqaf *Interviewing Board*, kompost mis-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo, il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

### 2.3.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li tkomplew il-kuntatti mas-Sinjorina Michelin Sciberras, Direttur Ġenerali fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u mas-Sur Bernard Vassallo, iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isports. Jidherli d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni hija lesta li tikkonċedi l-użu tal-faċilitajiet fil-bitħa tal-iskola, sakemm jidħol responsabbli il-Kunsill Malti għall-Isports.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

## 2.4.1. Skema dwar Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

2.4.2. Saret referenza għall-minuta 2.8.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li skond ma ġie miftiehem, intbagħtet ittra lill-Kumitat tal-Art Club 2000 sabiex jikkonfermaw dwar jekk jixtiequx jipparteċipaw fl-għoti ta' dawn il-korisijiet. Is-Segretarju għarraf li sad-data tas-seduta ma kienet waslet ebda tweġiba.

2.4.3. Il-Kunsill għaldaqstant iddeċieda li l-lezzjonijiet li kienu ġew riżervati għandhom jiżdiedu ma' dawk il-korsijiet li qed jiġu kordinati mil-Ladies Craft Circle.

2.4.4. Is-Sindku għarraf li f'wieħed mill-korsijiet tal-bizzilla nqalgħa argument dwar il-preżenza ta' tifel waqt il-lezzjoni. Id-direzzjoni tal-Ladies Craft Circle qed toġġezzjona billi dan imur kontra r-regolamenti tas-Circle. Dan ġie kkonfermat permezz ta' nota ffirmata minnhom, fejn l-istess studenti ddikjaraw li billi t-tifel in kwistjoni jġib ruħu tajjeb, m'għandhom ebda oġġezzjoni li jkun preżenti waqt il-lezzjonijiet.

2.4.5. Il-fehma ġenerali kienet li sakemm il-korsijiet qed isiru permezz ta' finanzjament li nġieb mill-Kunsill, għandhom japplikaw ir-regolamenti li jistabilixxi l-istess Kunsill. Fid-dawl tal-fatt li l-peruna konċernata m'għandiex ma' min tħalli t-tifel, filwaqt li l-istudenti l-oħra u l-għalliema ma jsibux oġġezzjoni, din għandha tingħata l-konċessjoni li qed titlob.

2.4.6. Is-Segretarju għarraf li fir-rigward tal-Korsijiet tal-Malti taħt l-iSkema *Lifelong Learning*, kemm id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, kif ukoll id-Dipartiment għall-Gvern Lokali mhux lesti li jassenjaw it-tieni għalliem, minħabba raġunijiet ta' fondi. Is-Sur C. Debono aċċenna għall-fatt li meta saret l-applikazzjoni biex il-Kunsill jidħol fl-iskema kien hemm biss 19-il student bħala *beginners*. Billi dakinhar kien maħsub li wħud minnhom kienu eventwalment jistgħu jirtiraw, baqgħu jiġu aċċettati l-applikazzjonijiet anke wara d-data tal-għeluq u n-numru telgħa għal 22 bħala *beginners*. Apparti dawn kien hemm ħamsa oħra li kienu jattendu s-sena s-sena ta' qabel u xtaqu li jkomplu jattendu. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li saru rappreżentazzjonijiet biex jinfetaħ kors ieħor, imma kemm id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u anke d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni wieġbu li m'humiex f'posizzjoni li jipprovdu għalliem ieħor taħt l-iskema. Intqal ukoll li sabiex jiġu akkomodati l-applikanti kollha, jeħtieġ li jsir użu mill-Iskola Primarja bi spiża massima ta' madwar €980, kemm-il darba l-lezzjonijiet jsiru wara l-5.00pm.

2.4.7. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir klassi waħda tal-Malti li tieħu l-applikanti kollha, filwaqt li l-lezzjonijiet jingħataw fl-Iskola Primarja.

## 2.5.1. Kostruzzjoni ta' toroq ġodda (T/4/7/Vol III))

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 4.5.3. tas-seduta preċedenti u spjega li Triq Ġdida bejn Triq il-Mellieħa u Triq Dun Manwel Grima hija triq proġetta, li hija ntiża sabiex telimina t-traffiku minn Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. Huwa kompla jgħid li din it-triq ġiet inkluża fuq proposta tal-Assoċjazzjoni Residenti Manikata.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Tħawwil ta' siġar fil-Foresta 2000 (A/3/Vol III)

2.6.2. Saret referenza għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sur R. Cutajar għarraf li d-ditta Time International (Sports) Ltd ippropvdiet 100 siġra, filwaqt li 100 siġra oħra ngħataw mill-Kunsill. Dawn tħawwlu mit-tfal tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa fil-Proġett Foresta 2000, waqt attivita` li attenda għaliha l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali l-Onor. George Pullicino fis-16 ta' Novembru 2010.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. *European Waste Reduction Week* (K/11)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti li kienet tinvolvi stedina lill-Kunsill mill-Wasteserve Malta Ltd sabiex jipparteċipa f'kampanja edukattiva dwar it-tnaqqis tal-iskart, li ser isseħħ bejn l-20 u t-28 ta' Novembru 2010. Is-Sur R. Cutajar qal li l-applikazzjoni ma ġiet aċċettata peress li ma kinitx tissodisfa l-kriterji.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.8.1. *European Tourism Forum* (K/12)

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 11.1. dwar il-konferenza msemmija li saret fil-lukanda Golden Sands f'Għajn Tuffieħa bejn is-17 u d-19 ta' Novembru 2010. Is-Sindku kkummenta illi din kienet opportunita` li ġiet sfruttata sabiex il-Mellieħa tingħata pubbliċita` fost nies li huma nvoluti fl-industrija tat-turiżmu, partikularment billi d-delegati kienu akkomodati f'lukandi li jinsabu fil-lokalita`, kif ukoll bl-attivitajiet li ġew imtellgħa fi Triq Ġorġ Borg Oliviier, f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mużew tat-Tunnara u qrib it-Torri l-Aħmar.

2.8.3. Huwa fakkar li minbarra l-kontribut ta' €5,000 li l-Kunsill irid jgħaddi lill-Ministeru tat-Turiżmu, skond kif kien deċiż fis-Seduta Nru. 43 tal-11 ta' Ottubru 2010, kif ukoll jagħmel tajjeb għat-taxxa tal-ivjaġġar in konnessjoni maż-żjara tat-tliet ġurnalisti li ġew mistiedna biex jirrappurtaw fuq il-konferenza, kif ukoll it-trasferimenti tal-ajruport.

2.8.4. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Ministeru tat-Turiżmu xtara ħamsin kopja tal-ktieb "*In Search for Identity – The Mellieħa Experience*", flimkien ma' 250 DVD pomozzjonali dwar il-lokalita` li ġew ordnati apposta mill-Kunsill.

2.8.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta dwar il-fatt li l-Kunsillieri ma' kinux mistiedna bil-*partners* tagħhom waqt l-attivitajiet tas-17 ta' Novembru. Huwa qal li ma kienx atteġġjament korrett min-naħa tal-organizzaturi għaliex inaqqas mill-prestiġju tal-Kunsill, minkejja li kien involut finanzjarjament fl-organizzazzjoni tal-konferenza. Stqarr ukoll li ma kienx ċar meta eżattament kellhom jsiru l-attivitajiet fil-Mellieħa u għalhekk l-inviti ntbagħtu ġurnata qabel dawn seħħu.

2.8.6. Is-Sindku wieġeb li bħala prudenza l-istedin li sar mill-Kunsill kien limitat għall-Kunsillieri u l-presidenti tal-għaqdiet Melleħin mingħajr il-*partners*. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li d-dati kienu konfermati fil-laqgħa preċedenti.

2.8.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.9.1. Inkonvenjenti bl-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna (T/4/12)

2.9.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 13.2. tas-seduta preċedenti dwar talba mill-proprjetarji ta' villa mibnija fuq Plot 20A u 22A fi Triq Għajn Żejtuna sabiex isiru spralli qrib l-istess villa billi l-ilma tax-xita qed jidħol fid-*driveways* tal-villel tagħhom. Is-Sur E. Bartolo qal li bejn l-istess villel kien jeżisti servitu` ta' passaġġ biex jieħu l-ilma tax-xita li kien ingħalaq b'mod abbużiv, minkejja li jeżisti kuntratt li jixħed dan. Is-Sindku ppreżenta kuntratt li sar fis-16 ta' Diċembru 1988 li jixhed illi bejn il-qtajja' msemmija kien hemm passaġġ għall-ilma tax-xita.

2.9.3. Is-Segretarju wieġeb li fil-laqgħat li saru fuq il-post ma' wieħed mill-proprjetarji u l-perit tiegħu, huwa aċċenna għal dan is-servitu` u l-istess proprjetarju allega li mhux huwa neħħa l-passaġġ u għalhekk dan seta tneħħa minn sidien preċedenti. L-eżistenza tal-passaġġ hija evidenti mill-pjanti ta' Cenmed Ltd. Huwa għalhekk ippropona li fejn il-qtajja' msemmija m'għandu jsir xejn u iżda jsir sprall wieħed biss aktar 'il fuq, kantuniera ma' Triq il-Kbira, sabiex jitnaqqas l-ilma li jkun ġej miż-żona Ta' Masrija, minn fejn l-ilma żdied konsiderevolment minħabba l-iżvilupp li sar.

2.9.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.10.1. Proġett Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

2.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret spezzjoni f'Tal-Ibraġ mill-Pulizija tal-*Administrative Law Enforcement* biex jitneħħew annimali u jitwaqqgħu kmamar li t-tnejn rriżulta li m'humiex permessi mill-awtoritajiet kompetenti. Is-sid talab li l-kmamar jitwaqqaw mill-ħaddiema tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

2.10.3. Il-Kunsill innota dawn l-iżviluppi.

## 2.11.1. *Musical* "L-Imhabba fuq l-Gholja" (A/5/3/2/Vol XI)

2.11.2. Is-Sindku għarraf li l-*filming* tal-*musical* imsemmi beda fis-7 ta' Novembru 2010, filwaqt li għadu għaddej. Huwa fakkar li t-tnedija tiegħu ser issir fit-22 ta' Novembru 2010.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 29/10/10 – 17/11/10
- *Purchase Request Form* – 17/11/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 25/10/10

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Użu ta' kamra fi Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata (P/4/16/Vol III)

4.1.2. Saret referenza għal ittra data 5 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Residenti Manikata fejn talbu sabiex jagħmlu użu minn waħda mill-kmamar li hemm taħt il-ġnien imsemmi. Min-naħa tagħha l-assoċjazzjoni offriet li tiftaħ il-latrina fi tmiem-il ġimgħa u f'okkażjonijiet oħra, filwaqt li t-tindif jibqa' jsir mill-Kunsill.

4.1.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jislef il-fond imsemmi lill-Koperattiva Rurali Manikata bi ftehim imsejjaħ kommodat prekarju. Permezz tal-istess ftehim, il-Kunsill ma kien ser idaħħal ebda kera, iżda fl-istess waqt jista' jitlob li min ikun qed jokkupa l-fond joħroġ b'sempliċi avviż bil-kitba. Dan ikun għal perjodu ta' sena li jista' jiġġedded. Il-fond għandu jintuża biss għal skopijiet ta' uffiċċju sabiex fih isiru dawk il-laqgħat u xogħol ieħor ta' amministrazzjoni, fejn mhux permess użu għal skopijiet kummerċjali. Il-ftehim jistipula wkoll li l-fond għandu jkun kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni.

4.1.4. Is-Sindku kkummenta li l-kamra in kwistjoni attwalment hija okkupata mix-xibka tat-tunnara. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll l-operaturi tas-Seabank Hotel huma nteressati li jakkwistaw din ix-xibka biex iżejnu biha l-istabbiliment tagħhom. Huma lesti wkoll li jħallsu lill-Kunsill għal dan il-għan.

4.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li huwa ma jaqbilx li x-xibka ma tibqax fil-kustodja tal-Kunsill biex tingħata lil terzi persuni.

4.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li bil-faċilitajiet li għandu għad-disposizzjoni tiegħu l-Kunsill, ix-xibka qed issirha l-ħsara u gradwalment qed titherra u allura ma jagħmilx sens li tibqa' tinżamm. Huwa kkummenta wkoll li l-pubbliku xorta waħda għad għandu l-opportunita` li jara kif kienet ix-xibka fil-Mużew tat-Tunnara, li jinsab fil-Batterija ta' Westreme.

4.1.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-kamra għandha tiġi mislufa skond it-termini msemmija fil-minuta 4.1.3., aktar 'il fuq. F'każ li jkun hemm problemi dwar ix-xibka tat-tunnara, is-Sindku qal li l-Kunsill jista' japplika biex tingħata waħda mill-kmamar fil-Kamp t'Għajn Tuffieħa li għadhom kemm ġew żgumbrati mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern.

4.1.8. Is-Sindku rrefera għall-talbiet li saru mill-Assoċjazzjoni, fosthom: (a) is-siġurta` quddiem il-post fejn it-tfal jitgħallmu d-dutrina fi Triq il-Mejjiesa; u (b) it-traġitt ta' vetturi kbar mill-Manikata. Dwar (a), is-Sindku qal li l-*barrier* ma' twaħħlitx peress li ma kienx ser jibqa' spazju bejnha u t-tarġa quddiem il-bieb tad-Dar tal-Kappillan. Fir-rigward ta' (b), il-Kunsill kien tal-fehma li apparti t-tabelli li twaħħlu fil-Manikata u fil-bidu ta' Triq il-Mellieħa, għandha titwaħħal tabella oħra faċċata tad-daħla għall-barriera f'Tat-Tomna, li tagħti direzzjoni lis-sewwieqa ta' vetturi kbar lejn il-*Bypass* tal-Mellieħa, bl-eċċezzjoni għal dawk li jkunu ser jirrendu servizz fil-Manikata.

### 4.2.1. *Resurfacing* ta' toroq b'sistema ta' *private public partnership* (T/4/17/Vol I)

4.2.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 16 ta' Novembru 2010, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ingħata kunsens sabiex il-Kunsill ikun jista joħroġ sejħa għall-offerti dwar r-*resurfacing* ta' parti minn Triq l-Armier, bejn Triq il-Marfa u Triq Ramlet il-Qortin. Fl-istess ittra, id-Dipartiment iggaranitixxa li matul l-2011 jgħaddi lill-Kunsill nofs il-pagament li jrid isir malli jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* - €144,535.60 – nofs l-40% tal-valur kollu stmat tax-xogħol. Ġie ggarantit ukoll mid-Dipartiment li dan jgħaddi nofs il-pagament li jrid isir f'egħluq is-sena minn meta jitlesta x-xogħol ta' *resurfacing* - €72,267.80 (nofs l-20% tal-valur kollu stmat tax-xogħol. Il-Kunsill ingħata sat-30 ta' Novembru 2010 biex jagħmel is-sejħa għall-offerti.

4.2.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp b'sodisfazzjon u qabel li għandha ssir is-sejħa u jinħoloq vot għaliha fl-estimi għas-sena 2011.

### 4.3.1. Rikonoxximent għal inizjattivi ambjentali mill-Vodafone (P/2)

13.2. Sar aċċenn għal *e-mail* datat-22 ta' Novembru 2010, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dwar il-premju msemmi li ser jingħata fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-kumpanija tat-telefonija ċellulari Vodafone. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istess nomina mhux waħda minn dawk li ġew *shortlisted* Bord ta' Evalwazzjoni.

4.3.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Proġett ta' Tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/10/9)(P/4/20/Vol III)

13.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 15 ta' Novembru 2010, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Ippjanar u Kordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD), dwar l-applikazzjoni li ġiet sottomessa għall-finanzjament tal-proġett imsemmi taħt il-*European Regional Development Fund – Operational Programme 1 – Priority Axis 2* li jittratta l-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli. Is-Sur R. Cutajar għarraf li din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa peress li ma ngħatatx punti biżżejjed skond il-kriterji stabbiliti. Huwa ppropona li jsir appell minn din id-deċiżjoni sad-data stabbilita – is-6 ta' Diċembru 2010.

**4.4.2.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta tas-Sindku.

**4.4.3.** Is-Sur R. Cutajar għarraf li huwa talab il-parir mill-uffiċjali konċernati fid-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar it-trasferiment tas-siġar tal-*ficus* li jinsabu fil-misraħ, peress li dawn iħammġu l-post biż-żerriegħa li taqa' minnhom u l-għasafar li jġibu. Sabiex l-istess siġar jiġu konservati, is-Sindku ppropona li jiġu trasferiti għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.

**4.4.4.** Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li t-tipi ta' siġar li għandhom jitħawwlu fil-Park tal-Familja huma stabbiliti fil-permess tal-MEPA u għalhekk is-siġar tal-*ficus* jistgħu jaqilgħu problemi meta l-MEPA tiġi biex toħroġ il-*compliance certificate*. Is-Sur C. Debono ssuġġerixxa li jista' jiġi kkunsidrat post ieħor, jew jintalab il-permess tal-MEPA qabel jinqalgħu s-siġar ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

**4.4.5.** Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li s-siġar tal-*ficus* eżistenti jistgħu jiġu mibdula b'oħrajn taż-żnuber jew oħrajn simili, illi huma magħrufa li ma joqgħodux għasafar fuqhom.

4.4.6. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jinkisbu l-permessi mill-awtoritajiet kompetenti qabel is-siġar tal-*ficus* jiġu trasferiti għal Tal-Ibraġ.

4.4.7. Is-Sindku aċċenna għat-twaqqif ta' kumitat bejn il-Gvern u l-Knisja sabiex jistabilixxi liema bini jeħtieġ li żżomm il-Knisja biex tibqa' tiffunzjona u bini ieħor li jista' jiġi trasferit lill-Gvern. Huwa ppropona li l-binja storika li hemm f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II tista' tiġi trasferita lill-Gvern billi qed tintuża għall-skopijiet kummerċjali, flimkien mal-Għassa tal-Puliżija u żewġt idjar li llum huma vojta. Għaldaqstant, is-Sur R. Cutajar irrakkomanda li għandha ssir talba f'dan is-sens lis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u l-Artijiet – l-Onor. Jason Azzopardi.

4.4.8. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-minuta 4.4.7.

### 4.5.1. Titjib fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 8 ta' Novembru 2010, mibgħuta mis-CEO tal-Awtorita` tad-Djar – Dott. Albert Buttigieg – sabiex jiltaqa' miegħu dwar titjib meħtieġ fil-Qasam Ta' Pennellu. Is-Sur R. Cutajar qal li l-laqgħa ser isir fis-26 ta' Novembru 2010.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Progett ta' rikrejazzjoni fi Triq il-Migbha, Ghasel u Xehda (P/4/23/Vol II)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 17 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-MEPA. Fl-istess ittra intqal li l-iffirmar tal-ftehim dwar għotja b'risq il-proġett imsemmi, taħt il-Fond għat-Titjib Urban (UIF), ser isir fid-29 ta' Novembru 2010 fl-uffiċini tal-MEPA.

4.6.3. Is-Segretarju għarraf li l-ftehim jipprovdi għal għotja li tammonta għal €**147,454.00.**

4.7.1. **Proġett tal-*Heritage Trail* fl-Imġiebaħ u Selmun (P/10/3/Vol II)**

**4.7.2.** Saret referenza għal ittra datata 15 ta' Novembru 2010 mibgħuta mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn il-Kunsill ġie mitlub jirrapporta l-progress li għamel wara li ngħata fondi biex jibda' il-proġett imsemmi. Laqgħa għal dan il-għan ser issir fit-3 ta' Diċembru 2010.

**4.7.3.** Is-Segretarju għarraf li d-dokument tal-offerta dwar is-Servizz ta' *Contract Management* relatat mal-proġett issa tlesta u ser issir sejħa għall-offerti.

**4.7.4.** Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

4.8.1. **Arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin u toroq oħra (T/3/3/Vol IV)**

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 13 ta' Novembru 2010 li ntbagħtet mis-Sur Carmel Vella wara laqgħa li huwa u residenti oħra miż-żona ta' Ġnien Ingraw, kellhom mas-Sindku u xi Kunsillieri fl-istess jum. Fl-ittra kien hemm raġunijiet li wasslu lir-residenti jipprotestaw dwar l-introduzzjoni ta' sistema *one way* fiż-żona tagħhom, iżda naqsu milli jgħatu soluzzjonijiet għall-problemi ta' konġestjoni fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

4.8.3. Is-Sindku R. Cutajar qal sussegwentement is-Sur Carmel Vella rtira parti mill-kontenut tal-ittra tiegħu tat-13 ta' Novembru. Is-Sindku kompla jgħid li l- l-inkonvenjenzi li tista' iġġib magħha s-sistema tal-*one-way* fiż-żona ta' Ġnien Ingraw, titnaqqas kemm-il darba l-linja ewlenija tal-karozzi tal-linja, ma tgħaddix minn hemmhekk, kif kien ippropona l-Kunsill lill-Transport Malta oriġinarjament. It-traffiku jista' jonqos sostanzjalment mill-qalba tal-Mellieħa kemm-il darba, il-vetturi kollha ġejjin mid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa jgħaddu mill-Bypass, għalkemm b'dan il-mod jeħtieġ li tinstab soluzzjoni għar-residenti fiż-żona Tas-Sellum. Huwa kompla jgħid li l-linja ewlenija tista' tuża l-*Bypass*, iżda tagħmel daħliet fi Triq Qasam Barrani sar *roundabout* qrib id-Dar tal-Anzjani, toħroġ lura fil-*Bypass,* tagħmel waqfa fi Triq il-Mitħna l-Qadima, u tinterċetta t-tliet *Feeder Lines* fil-parkeġġ ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

4.8.4. Il-Kunsill iddeċieda li din il-proposta għandha tiġi mgħoddija lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Novembru 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-29 ta' Ottubru u s-17 ta' Novembru 2010

6.3. Il-Kunsill approva l-iskedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

## 7.1. Preżentazzjoni dwar il-Proġett ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa (P/5/1/Vol III)

7.2. F'dan il-punt is-Sindku ssusspenda s-seduta biex issir preżentazzjoni tal-proġett imsemmi mis-Sur Winston Zahra (Jnr.) Direttur tal-Island Hotels Group Holdings plc li ġew mogħtija mill-Gvern il-kumpless ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa. Kien hemm preżenti wkoll delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni Residenti Manikata, komposta mis-Sinjuri Peter Seychell, Frank Farrugia, Martin Chircop u Mary Micallef.

7.3. Fl-introduzzjoni li saret mis-Sindku R. Cutajar ġie mfakkar li l-Kunsill diġa kien preżenti f'żewġ laqgħat oħra dwar dan il-proġett waqt it-tfassil tal-*brief* u kien beħsiebu jkompli jsegwi dan il-proġett minħabba d-daqs tiegħu u l-impatt li jista' jġib miegħu fl-inħawi.

7.4. Is-Sur Zahra beda billi qal li l-kumpanija tiegħu qabbdet tliet konsulenti barranin fuq tliet aspetti differenti tal-proġett: Id-disinn, l-elettriku/dwal u l-*landscaping*. Kompla jgħid li l-art li ġiet mgħoddija lilhom għandha potenzjal li takkomoda 600 kamra, bi spazju medju ta' 35 metru kwadru 'il waħda, iżda minflok ser jiġu żviluppati 200 biss fuq medda ta' 100 metru

kwadru 'il waħda. Il-kmamar ser ikunu jħarsu fuq ġewwa tal-kumpless, li l-għoli massimu tagħhom ser ivarja minn sular għal żewġ sulari, filwaqt li s-soqfa tagħhom ser jiffurmaw speċi ta' korsa li ser tiġi *landscaped*. Il-ħitan illi jifirdu l-kumpless mit-triq ser ikunu irtirati mill-inqas 30 metru 'il ġewwa mill-periferija tal-art fdata lilhom. Dan bil-għan li jkun jista' jsir *landscaping* mal-periferija li jammonta għall-15,000 metru kwadru. Is-Sur Zahra kompla jispjega li l-parti privata, 'il ġewwa mill-ħitan, ħa jkun hemm 45,000 metru kwadru ieħor ta' *landscaping*.

7.5. L-impjanti tal-arja kkundizzjonata, tat-tisfija tal-ilma, eċċ ser ikunu mqassma f'disa' kmamar mferrxa mal-kumpless kollu biex ma joħolqux impatt viżwali. Dawn ser ikunu kollegati flimkien permezz ta' *service duct* li jilħaq il-kumpless kollu.

7.6. Kien spjegat li ċerti strutturi tal-militar jridu jinżammu, partikularment fin-naħa ta' fuq, li hija l-iktar elevata. Dan japplika wkoll fil-każ tal-kappella u l-post fejn illum hemm l-istalel taż-żwiemel. Is-Sur Zahra qal li periti tal-kumpless qagħdu attenti biex tiġi ffrankata l-enerġija, partikularment bid-disinn, iktar milli bl-użu ta' mezzi bħalma huma pannelli fotovoltaici eċċ.

7.7. F'dak li huwa traffiku, is-Sur Zahra spjega li n-niżla bit-tarmak li tgħati għar-Ramla tal-Mixquqa ser titneħħa biex tikber l-istess ramla. It-triq ta' Ħal Ferħ qed tiġi proposta minn Transport Malta bħala l-uniku aċċess għaż-żona tal-kumpless u l-bajja. Għalhekk Triq in-Naħħalija ser tinżamm biss bħala aċċess għall-bdiewa u hekk issir waħda pedonali. Id-dħul għall-kumpless ser ikun minn faċċata l-Apple's Eye Restraurant, filwaqt li l-parkeġġ eżistenti ser jispiċċa biex jiġi *landscaped*.

7.8. Is-Sur M. Chircop staqsa dwar il-faċilitajiet ta' parkeġġ li hemm maħsuba. Is-Sur Zahra spjega li fil-kumpless innifsu huwa propost parkeġġ taħt l-art ta' 150 vettura, filwaqt li qed isiru arranġamenti sabiex parti mill-art allokata lill-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* tiġi mibdula f'parkeġġ għal 700 vettura oħra.

7.9. Is-Sur M. Chircop staqsa wkoll dwar l-ammont ta' ħsejjes li jiġu ġġenerati bl-attivita` li ser ikun hemm fil-kumpless. Is-Sur Zahra qal li dan ser ikun wieħed minimu, bħal fil-każ tal-lukanda Golden Sands. Il-problema tal-ħsejjes qed tiġi kkawżata l-iktar bl-attivitajiet li jsiru mill-pubbliku fir-Ramla tal-Mixquqa.

7.10. Is-Sur P. Seychell staqsa dwar x'ser isir mit-terrapien li jiġi ġġenerat waqt il-kostruzzjoni. Is-Sur Zahra wieġeb li l-MEPA għad trid tiffissa rotot ħalli jseġwihom il-kuntrattur, kif sar fir-rigward tal-lukanda Golden Sands.

7.11. Fi tmiem il-preżentazzjoni, is-Sindku rringrazzja lis-Sur Zahra u l-membri tal-Assoċjazzjoni tar-Residenti Manikata. Huwa talabhom jagħlqu l-interventi tagħhom sabiex tkun tista' titkompla s-seduta.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi-Sindku E. Bartolo illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill kellu man-Northern Cleaning Co-operative Ltd, li sussegwentement ġie *sub-contracted* lill-Velljo Services, skada fit-30 ta' Novembru 2008, liema kuntratt ġie estiż sal-30 ta' Novembru 2010, minħabba l-bidliet li seħħew fuq bażi nazzjonali fl-istess qasam;**

**Billi, saret sejħa għall-offerti (2/2010) skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi l-erbgħa offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skond il-minuti tat-28 ta' Ottubru 2010;**

**Billi fis-seduta Nru. 44 tal-1 ta' Novembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerenti Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-Diċembru 2010, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Velljo Services fit-2 ta' Awwissu 2010.". (K/6/2/Vol V)**

8.2. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li kien hemm fis-seduti preċedenti, ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

9.1. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

**"Peress li skada l-kuntratt illi jipprovdi għall-Ġbir tal-Iskart Goff mal-Cleansing and Maintenance Department, filwaqt li l-permezz ta' ittra datata 3 ta' Awwissu 2010, l-istess Dipartiment għarraf li mhux ser jibqa' jirrendi dan is-servizz;**

**Billi, saret sejħa għall-offerti (5/2010) skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board,* liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skond il-minuti tat-28 ta' Ottubru 2010;**

**Billi fis-seduta Nru. 44 tal-1 ta' Novembru 2010, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerent Antoine Fenech, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mas-Sur Antoine Fenech għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-Diċembru 2010, bir-rati inklużi fl-offerta tiegħu mitfugħa fl-24 ta' Settembru 2010.". (K/6/8)**

9.2. Il-Kunsill għadda r-riżoluzzjoni b'mod unanimu fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

10.1. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 6/2007), skond ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005), sabiex jitwaqqaf monument fuq ir-*roundabout* li tinsab fi Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq il-Mitħna;**

**Billi l-proġett, huwa kopert bil-permess tal-Awtorita` Maltija ta` l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll ġiet ivvutata somma fl-Estimi Finanzjarji għas-sena 2010 sabiex jitwettaq dan ix-xogħol flimkien mat-tisbiħ li sar aktar qabel fl-istess triq;**

**Billi t-*Tender Adjudication Board* evalwa ż-żewġ offerti li saru u ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu skond il-minuti tat-13 u t-28 ta' Ottubru 2010;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mas-Sur Ricky Caruana sabiex isir ix-xogħol skond l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta; u**

**Jirriżolvi wkoll illi x-xogħol fuq il-monument għandu jiġi spezzjonat fl-Italja mill-Viċi Sindku E. Bartolo u d-disinjatur is-Sur Emanuel Cini.". (K/6/4/1)**

10.2. Il-Kunsill approva r-riżoluzzjoni wara d-diskussjoni li diġa kien hemm fis-seduta preċedenti, kif ukoll wara li ltaqa' mal-offerenti. Il-mozzjoni għaddiet wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

11.1. **Tħejjijiet Milied Mellieħi 2010 (A/5/3/6/Vol III)**

11.2. Is-Sindku ppropona li nhar is-Sibt 18 ta' Diċembru mit-8.30am issir *open day* fil-bini li ser iservi ta' *interpretative centre* bħala parti mill-*Heritage Trail* f'Selmun. Għall-Ħadd 19 ta' Diċembru, is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa li fid-9.15am issir Rock Mass fil-Knisja Parrokkjali u wara jkomplu l-attivitajiet taħt it-tinda billi jkun hemm *healthy breakfast* għat-tfal, fejn tiġi mistiedna l-Kummissarju għat-Tfal – is-Sinjura Helen D'Amato. F'dik l-għodwa wkoll tittella' attivita` għall-anzjani.

11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li kif isir is-soltu, ser ikun konferenza stampa li l-post u d-data jitħabbru aktar 'il quddiem.

11.4. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetta "The Malta Independent" sabiex jinkisbu stimi dwar il-kiri u l-arma tat-tinda, kif ukoll għall-kiri u t-tħaddim tat-tagħmir tal-*audio*. Ġie spjegat li din is-sejħa għalqet fit-22 ta' Novembru 2010 u l-istimi mitfugħa kienu kif ġej:

| Kiri, Armar u Żarmar tat-Tinda | |
|---|---|
| Malta Fairs & Conventions Centre | €4,050 |

| Kiri u Tħaddim ta' Tagħmir tal-*Audio* | |
|---|---|
| Sound Solutions | €2,950 |
| Transient Ltd (*Option* 1 – Stima ma tinkludix it-tħaddim tal-apparat) | €3,068 |
| Transient Ltd (*Option* 2 – Stima ma tinkludix it-tħaddim tal-apparat) | €2,755 |

11.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-Malta Fairs & Conventions Centre lesti joffru l-ġarr, l-armar, ż-żarmar u l-kiri tal-palk bi spiża ta' €500. Il-Kunsill approva din l-istima, flimkien ma' dik tat-tinda, kif ukoll dik sottomessa minn Sound Solutions, minħabba li tkopri s-servizz tal-operaturi meħtieġa u mhux jintalab ebda servizz ta' sigurta` għajr dak li ser jipprovdi l-Kunsill tul l-perjodu ta' Milied Mellieħi.

## 12.1. Estimi Finanzjarji 2011 (F/1/22)

12.2. Dan l-*item* ġie pospost għas-seduta li jmiss minħabba li kien sar l-ħin.

## 13.1. *Floodlighting* ta' bini fi Triq l-Erwieħ / l-Inkurunazzjoni (P/4/14)

13.3. Is-Sindku għarraf li l-*elevation survey* tal-blat ta' taħt il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ, il-ġenb tal-knisja u s-Santwarju tlestew xi ġimgħat ilu u fil-mument Galea Curmi Engineering Consultants qed jaħdmu fuq *3D modelling* sabiex il-Kunsill jingħata stampa ċara qabel jiddeċiedi fuq id-disinn propost. Minħabba li l-faċċati illi jridu jiġu mdawwla huma kemmxejn kumplessi, dan il-proċess qed jieħu xi ftit fit-tul, iżda huwa stmat li fi żmien tliet ġimgħat, il-proposta tagħhom tkun tista' tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Hekk kif jiġi approvat id-disinn, id-dokument tal-offerta jkun lest fi żmien ġimgħa.

13.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq dan l-proġett.

## 14.1. Skema ta' finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

14.2. Saret referenza għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 41 tat-23 ta' Awwissu 2010 fuq is-suġġett t'hawn fuq. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-ditta E-Cubed Consutlants Ltd ħejjiet id-dokument tal-offerta sabiex isir Studju dwar l-Iżvilupp Strateġiku għal Lokalita` tal-Mellieħa li Jiffoka fuq ir-Rwol tat-Turiżmu. Is-Segretarju fakkar li taħt l-iskema msemmija, il-Kunsill ġie allokat €20,000, li €10,000 minnħom diġa ġew mgħoddija. Is-Sindku għarraf li kemm-il darba jkun hemm aktar dewmien biex toħroġ is-sejħa, dawn il-fondi jintilfu u għalhekk din ser tiġi ppubblikata fi ftit jiem oħra.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-azzjoni proposta.

## 15.1. Tbattil ta' skart f'Dawret it-Tunnara (K/6/1/Vol V)

15.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għal avviż ta' kontravvenzjoni 108-05527-1 li nħareġ kontra Paul Bugeja fis-6 ta' Marzu 2010 talli battal l-iscammel DBE187 fit-triq imsemmija, fuq il-premessa li t-tagħbija kienet qed taqbad. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-persuna msemmija huwa mpjegat mal-kuntrattur tal-Kunsill responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku.

15.3. Il-każ ġie deċiż fit-18 ta' Novembru 2010 mit-Tribunal Lokali Tramuntana wara li ġie kkontestat. A bażi tal-Avviżi Legali 344 tal-2055 u l-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent sabet lill-Bugeja ħati u mmultatu total ta' €2,387.60.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira bejn Triq in-Nahal u Triq Gorg Borg Olivier (T/4/13/Vol X)

16.2. Is-Sindku rrefera għall-kuntatti li kienu għaddejjin ma' Transport Malta u l-partijiet kollha nteressati sabiex titwettaq it-tielet fażi tar-*resurfacing* fi Triq il-Kbira. Huwa qal li r-rappreżentanti tal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku naqqsu milli jattendu l-istess

laqgħa, filwaqt li wrew illi ser jibqgħu ntransiġenti billi ma jikkoperawx mal-Kunsill fit-tibdil tar-rottot meħtieġ waqt li jkun għaddej ix-xogħol. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li kien hemm ħidma ta' medjazzjoni li falliet.

16.3. Il-Kunsill qabel li x-xogħlijiet għandhom jiġu posposti, sakemm tidħol fis-seħħ ir-riforma tat-trasport pubbliku taħt kuntrattur ġdid. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jonfoq somma sostanzjali biex jipprovdi *shuttle service* sakemm Triq il-Kbira tkun magħluqa.

## 17.1. Superviżjoni mill-Pulizija fiż-żona tas-Santwarju (P/9/Vol III)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf lill-Kunsill dwar ilmenti li qed isiru dwar imġieba mhux korretta minn żgħażagħ fil-Bitħa tas-Santwarju u fi Triq l-Erwieħ, partikularment is-sibtijiet filgħaxija.

17.3. Ittieħdet nota sabiex il-Pulizija tad-Distrett jiġu avżati biex jieħdu azzjoni.

## 18.1. Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali (F/3/Vol XI)

18.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li fl-20 ta' Novembru 2010 huwa attenda għall-forum imsemmi, fejn fost il-kelliema ewlenin kien hemm il-President Emeritus Ugo Mifsud Bonnici, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu l-Ambjent u l-Kultura, is-Sur Anthony Pace mill-Fundazzjoni Patrimonju Malti u Mons. Vincent Borg f'isem il-Knisja.

18.3. Dr U. Mifsud Bonnici tkellem dwar il-ħtieġa li l-poplu Malti jkollu aktar għarfien għall-wirt storiku rikk li għandu u għalhekk jeħtieġ li jitfassal inventarju ta' dak kollu li jeżisti fil-lokalitajiet. Dr M. De Marco saħaq illi hija ħasra li ħafna Kunsill Lokali ma jutilizzawx il-Fond għat-Titjib Urban (UIF), amministrat mill-MEPA, fuq proġetti ta' restawr. Fost il-punti mqajjma minn Mons. V. Borg, aċċenna għall-ħtieġa li jsir inventarju tal-beni storiċi li jeżistu fil-Mellieħa. Min-naħa tiegħu, il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna waqt il-formum għall-effett li ħalliet id-devoluzzjoni ta' beni storiċi lill-Kunsill Lokali, b'mod partikulari fil-każ tal-Mellieħa.

18.4. Is-Sindku kkummenta li l-istudju illi ser jiġi kkummissjonat mill-Kunsill dwar l-Iżvilupp Strateġiku għal Lokalita` tal-Mellieħa, li ser ikun iffokat fuq ir-Rwol tat-Turiżmu, għandu jittieħed bħala opportunita` biex jinġabar l-inventarju tal-beni storiċi. Is-Sur R. Cutajar appella lis-Sur J. Buttigieg sabiex jagħti l-*input* tiegħu dwar dan l-aspett meta jinstab kuntrattur biex jagħmel l-istudju.

18.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti mill-Kunsillier J. Buttigieg.

## 19.1. Andament tas-sistema ta' l-Infurzar Lokali (W/3/Vol VIII)

19.2. Il-Viċi Sindku rrefera għar-rapport **imressaq mill-*accountant* tal-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku, li** jkopri Settembru 2010. Minnu jirriżulta li **ma jidher ebda dħul ġej mill-perjodu tal-***Pre-Pooling,* **filwaqt li bis-sistema tal-***Pooling* attwali**, il-Mellieħa rreġistrat bilanċ pożittiv ta'** €1,891. Mill-istess rapport jirriżulta li bejn Novembru 2009 u Settembru 2010 kien hemm telf ta' €4,393.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**